14 ta' Ġunju, 1952.

Imħallef:

L-Onor Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Franġiska Catania et.

**Kalunnja — Inġurja — "Bis in Idem" — Estinzjoni ta' l-Azzjoni — Ċessjoni tal-Kawża fil-Kriminal.**

*Fil-kawżi kriminali ma tistax kawża tiġi ċeduta mill-Pulizija u mbagħad tiġi riproposta taħt forma oħra differenti; għax iċ-ċessjoni tal-kawża mhux biss tarresta l-proċedimenti, imma tipperimi l-azzjoni.*

*Meta l-Maġistrat jakkolji dan il-prinċipju, u in bażi għalih jillibera lill-imputat, ma jiġix li l-Maġistrat ikun illibera in bażi għall-prinċipju tan-"non bis in idem". U kieku stess fl-okkażjoni ta' l-ewwel ċitazzjoni kien hemm pronunċja fil-meritu, ukoll ma kienx ikun il-każ ta' applikazzjoni tal-prinċipju tan-"non bis in idem", għax allura kien ikun il-każ ta' liberazzjoni minħabba estinzjoni ta' l-azzjoni. Fil-fatt, liberazzjoni simili tkun bażata fuq il-prinċipju divers ta' l-abbandun ossija ċessjoni taċ-ċitazzjoni.*

*F'appell minn deċiżjoni simili, ma jistax l-Attorney General isostni illi l-imputat fil-kawża preċedenti seta' jinsisti li tingħata deċiżjoni bil-miktub fuq il-pont tar-ritirabilità ta' l-ewwel ċitazzjoni, u se maj jappella minn dik id-deċiżjoni; għax l-aspett ġuridiku tal-kwistjoni għandu jitqies fuq l-istat ta' fatt kreat b'dik il-liberazzjoni, u mhux fuq dak ipotetiku prospettat mill-Prosekuzzjoni. U ladarba tkun laħqet saret ir-rinunzja mill-Prosekuzzjoni, u mill-Qorti*

*jkun laħaq ingħata pronunċjament fuq dik ir-rinunzja, dik ir-rinunzja tkun issortiet l-effetti tagħha bil-pronunċjament tal-Qorti, u l-proċediment inizjat b'dik iċ-ċitazzjoni jkun ġie mitmum definitivament, bla ma l-liġi tagħti ebda rimedju li bih il-proċediment jista' jiġi riapert. Jekk l-ewwel ċitazzjoni hija ritirata, it-tieni waħda ma tistax timxi appuntu minħabba l-prinċipju li l-abbandun ta' l-azzjoni jipperimi l-azzjoni; u jekk l-ewwel ċitazzjoni ma għandhiex titqies bħala ritirata, allura xorta waħda t-tieni ċitazzjoni ma tistax timxi, għax il-Prosekuzzjoni ma tistax timxi f'hin wieħed b'żewġ imputazzjonijiet fuq l-istess fattijiet.*

*Lanqas tista' l-Prosekuzzjoni f'appell minn deċiżjoni simili ssostni illi l-Qorti tal-Maġistrati kien imissha, skond ir-riżultanzi, ikkonvertiet ruħha f'Qorti ta' Kriminali Istruzzjoni; għax id-dispożizzjoni tal-liġi li tgħid li meta r-reat ikun jeċċedi l-kompetenza tal-Qorti ta' Kriminali Ġudikatura, il-Qorti tal-Maġistrati għandha tikkonverti ruħha f'Qorti ta' Kriminali Istruzzjoni, hija applikabili meta dan jidher mir-reat kif dedott, u mhux mir-reat kif riżultat fil-kawża. U dan apparti r-rifless illi, anki jekk kellu jiġi ritenut li dik il-Qorti messha, u setgħet, tikkonverti ruħha f'Qorti Istruttorja, jibqa dejjem il-fatt li dan ma għamlitux.*

*B'applikazzjoni tal-prinċipji fuq esposti, l-imputati, li kienu ġew imħarrkin b'akkuża ta' inġurja, u wara l-provi li saru l-kawża ġiet ċeduta, u mbagħad ġiet riproposta fuq l-istess fatti imma b'akkuża mibdula f'dik ta' kalunnja, ġew liberati fit-tieni kawża li saritilhom.*

B'sentenza tagħha tat-8 ta' April 1952, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta lliberat liż-żewġ imputati, għaliex irriteniet, billi akkoljiet l-eċċezzjoni relativa tad-difiża, illi l-azzjoni penali kienet perenta;

Kontra din id-deċiżjoni sar appell mill-Attorney General:

Trattat l-appell, dina l-Qorti kkunsidrat;

L-imputazzjoni miġjuba kontra l-imputati fil-kawża odjerna hija dik ta' kalunnja, ċjoè illi l-Birgu, f'dawn l-aħħar tliet xhur, bil-ħsieb li jagħmlu ħsara lill-P.S. Pawlu Mintoff u lill-P.C. Carmelo Fabri, akkużawhom li kienu sawwtu lil Lawrence Catania, fil-waqt li kienu jafu li huma innoċenti;

Hu paċifiku bejn id-difiża u l-prosekuzzjoni li "fuq l-istess fatti" kienet ġiet maħruġa, qabel, kontra ż-żewġ imputati ċitazzjoni bl-imputazzjoni li huma kienu ngurjaw lill-P.S.

Mintoff u lill-P.C. Fabri. Din iċ-ċitazzjoni kienet ġiet irtirata mill-Pulizija, u minflokha, "*fuq l-istess fatti*", *ġiet preżentata* ċitazzjoni oħra bl-imputazzjoni ta' kalunnja, ċjoè dik tal-kawża odjerna. Il-Maġistrat irritjena, fuq l-iskorta tal-ġurisprudenza minnu ċitata, illi fil-kawżi kriminali wieħed ma jistax iċedi kawża u jirriproponiha taħt forma differenti, għaliex iċ-ċessjoni mhux biss tarresta l-proċediment, imma tipperimi l-azzjoni;

Il-Prosekuzzjoni, kif jidher mir-rikors ta' l-appell, u kif deher mid-dibattitu, qegħda tattakka din il-pronunċja fuq tliet motivi :— (a) għaliex "bis in idem" ma hemmx żgur, għax ma kienx hemm deċiżjoni; (b) għaliex l-imputati kellhom, kieku riedu, ir-rimedju ta' l-appell minn deċiżjoni fuq ritirabilità ta' l-ewwel ċitazzjoni, u setgħu nsistew li dik id-deċiżjoni tingħata bil-miktub; (c) għaliex il-Qorti Inferjuri setgħet, għar-rigward ta' l-ewwel ċitazzjoni, tbiddel, skond ir-riżultanzi, l-akkuża f'oħra aktar gravi, u tikkonverti ruħha f'Qorti Istruttorja;

Fuq l-ewwel motiv;

Din id-doljanza ma għandha x'taqsam xejn. Il-Qorti t'Isfel ma laqgħetx l-eċċezzjoni in bażi għall-prinċipju tan-"non bis in idem". Apparti l-konsiderazzjoni li, anki kieku, fl-okkażjoni ta' l-ewwel ċitazzjoni, kien hemm pronunċja fil-meritu, l-eċċezzjoni ma kienetx tkun, kif jidher qed jaħseb l-Attorney General, tan-"non bis in idem", imma dik ta' estinzjoni ta' l-azzjoni (ara Qorti Krim. "Rex vs. Said", 13 ta' Frar 1931). Dak li hu importanti hu li l-Ewwel Qorti akkoljiet l-eċċezzjoni tad-difiża mhux in bażi għall-prinċipju ta' l-estinzjoni ta' l-azzjoni, li jiġri meta jkun hemm deċiżjoni fil-meritu mogħtija fuq imputazzjoni fuq l-istess fatti, għalkemm diversa fil-forma (kif ġara fil-każ "Rex vs. Said" fuq ċitat), imma akkoljietha fuq prinċipju divers, li jippresupponi mhux deċiżjoni fuq l-ewwel ċitazzjoni, imma l-abbandun, ossija ċ-ċessjoni, ta' dik iċ-ċitazzjoni — prinċipju bażat (kif wieħed jista' jara faċilment mill-qari tas-sentenza ta' din il-Qorti "Tabone utrinque". App. Krim. 13 Nov. 1920, u ta' l-oħra "Pul. vs. P.A.A. Emmanuele Borg, 1. 9. 24, Imħallef il-kompjant Dr. Luigi Camilleri) fuq konsiderazzjonijiet u dispożizzjonijiet diversi. L-Imħallef sedenti jikkondividi l-opinjoni espressa f'dawk iż-żewġ sentenzi mill-illustri predeċessur tiegħu;

Għalhekk dan l-aggravju ta' l-Attorney General hu insussistenti; għaliex bih l-Attorney General qiegħed jipprospetta ipotetikament, biex imbagħad jattakkah, dak li fis-sentenza ma hemmx;

Dwar it-tieni motiv;

Dan il-motiv ma tantx hu ċar. L-Attorney General jgħid li fl-okkażjoni ta' l-ewwel ċitazzjoni l-imputati setgħu jinsistu li tingħata deċiżjoni bil-miktub fuq il-punt tar-ritirabilità taċ-ċitazzjoni, u se mai jappellaw minnha. Dan ma jgħin bl-ebda mod lill-Prosekuzzjoni; għax fil-fatt ma ngħatatx deċiżjoni bil-miktub, u fil-fatt dik iċ-ċitazzjoni ġiet irtirata. "Dan" hu l-istat ta' fatt li fuqu llum għandu jitqies l-aspett ġuridiku, u mhux dak ipotetiku prospettat mill-Prosekuzzjoni. In konnessjoni ma' dan il-motiv ta' aggravju l-Qorti taħseb li għandha tikkommenti fuq ir-riljev l-ieħor tal-Prosekuzzjoni fil-kors tad-dibattitu — illi l-Uffiċjal tal-Pulizija nkarigat mill-prosekuzzjoni fiċ-ċitazzjoni preċedenti ma setax jirtira ċ-ċitazzjoni. Huwa veru li, kif ġà rritjena l-Imħallef sedenti fil-kawża "Pulizija vs. Edward Camilleri". App. Krim. 14 ta' Ġunju 1948, il-Prosekuzzjoni tista' biss tirrinunzja "jekk tkun awtorizzata mill-Gvern"; iżda dan ir-riljev, apparti r-riflessjoni li l-Qorti ma ġietx edotta jekk fil-każ in ispeċje kienx hemm jew le l-adeżjoni tal-Gvern għall-irtir taċ-ċitazzjoni, ma jiġġjovax lill-Prosekuzzjoni; għal dawn ir-raġunijiet :—

1. L-Imħallef sedenti, fis-sentenza ċitata, kien żied dawn il-kliem, in vija ta' riżerva, illi, ċjoè, "il-konsegwenza kienet tkun diversa kieku l-Qorti, fuq in-nota tar-rinunzja, laħqet ħadet konjizzjoni tagħha". Issa dan appuntu huwa dak li ġara fil-każ in ispeċje. Ir-rinunzja laħqet mhux biss saret, imma laħqet issortiet l-effetti tagħha; għaliex il-proċeduri fuq dik iċ-ċitazzjoni ġew mitmuma. Kompla jgħid l-Imħallef sedenti, fid-deċiżjoni ċitata, illi f'każ simili kien ikun hemm motiv superjuri għal dak deżunt mill-art. 4 Kap. 12, il-motiv, ċjoè, illi l-proċeduri jkunu ġew definitivament mitmuma bla ma l-liġi tippresta ebda rimedju li jista' bih il-proċediment ikun riapert;

2. Il-Prosekuzzjoni ma tistax timxi fl-istess ħin fuq żewġ trieqat. Jew dik iċ-ċitazzjoni ta' l-ewwel għandha tiġi kunsidrata (kif kienet) irtirata, u allura din iċ-ċitazzjoni ta' issa ma

tistax treġġi minħabba l-prinċipju fuq imsemmi, stabbilit fis-sentenzi ċitati ta' l-Imħallef Dr Luigi Camilleri, jew dik iċ-ċitazzjoni ma għandhiex (kif tgħid il-Prosekuzzjoni) tiġi riteiuta bħala ritirata, u allura din iċ-ċitazzjoni tal-lum għandha taqa'; għax hu ċar li l-Prosekuzzjoni ma tistax, f'ħin wieħed, tmexxi żewġ imputazzjonijiet diversi fuq l-istess fatti. Il-Prosekuzzjoni tinsab f'dan il-bivju: ma tistax tmexxi din iċ-ċitazzjoni sakemm l-oħra ta' qabel fuq l-istess fatti tibqa' tissussisti; mentri jekk, biex tista' tmexxi din, iċ-ċitazzjoni l-oħra titqies irtirata, allura l-Prosekuzzjoni timbatti fil-prinċipju li biċ-ċessjoni taċ-ċitazzjoni l-oħra l-azzjoni hi perenta. Dan hu bla dubju inkonvenjent; imma l-kawża ta' l-inkonvenjent ma għandhiex tiġi riċerkata fil-pożizzjoni li kkreat ruħha issa, meta għandhom jiġu rispettati prinċipji tal-liġi, imma għandha tiġi riċerkata f'dak li kien qal l-Imħallef Debono fil-kawża "Rex vs. Rosaria Portelli", 23 ta' Frar 1904, u dak li qalet din il-Qorti kolleġjalment komposta fil-kawża "Rex vs. Said", ċjoè t-traskuraġni li biha l-uffiċjal li ġieb il-kawża ta' l-ewwel quddiem il-Qorti tal-Maġistrati rrediġa ċ-ċitazzjoni, li setgħet mill-ewwel tiġi vergata kif kellha tkun. Għalhekk l-Imħallef sedenti, sewwa fil-kors ta' deċiżjonijiet minnu mogħtija, kemm ukoll f'osservazzjoni minnu magħmula "obiter", dejjem inkulka n-neċessità li dawn iċ-ċitazzjonijiet quddiem il-Qrati Inferjuri jiġu redatti bl-akbar kura u ċirkospezzjoni, biex ma jiġrux dawn l-inkonvenjenti;

Dwar it-tielet mottiv;

Il-Prosekuzzjoni qalet li fuq l-ewwel ċitazzjoni l-Qorti tal-Maġistrati kien messha, skond ir-riżultanzi, ikkonvertiet ruħha f'Qorti Istruttorja. Dan il-prinċipju, partikolarment kif espress bil-kliem "skond ir-riżultanzi", ma jidherx konformi għall-ġurisprudenza. Kif ġie deċiż minn dina l-Qorti kolleġjalment komposta (Pres. Sir Arturo Mercieca, Imħ. Dr. R.F. Ganado u l-Imħallef sedenti), fil-kawża "Rex vs. Agius", 12 ta' Marzu 1935 Vol. XXIX—IV—391), id-dispożizzjoni tal-liġi li tgħid li, meta reat ikun jeċċedi l-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, il-Qorti għandha tikkonverti ruħha f'Qorti ta' Istruzzjoni Kriminali, huwa applikabbli meta dan jidher mill-fatt "kif dedott", mhux meta jidher mill-fatt "kif riżultat fil-kawża". F'din is-sentenza

henun ċitati diversi oħra li stabbilew l-istess prinċipju. Issa, bizzejjed wieħed jagħti daqqa ta' għajn liċ-ċitazzjoni fol. 31, ċjoè dik ta' qabel, biex jara li l-fatt dedott ma kienx jeċċedi l-kompetenza tal-Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Infatti, l-imputazzjoni kif dedotta kienet ta' sempliċi inġurja kontravvenzjonali. Għalhekk il-Qorti t'Isfel ma setgħetx tikkonverti ruħha f'Qorti Istruttorja. Infatti, kif ingħad, fl-imputazzjoni kif dedotta ma kien hemm xejn li jaddita reat ta' kompetenza superjuri, u kien biss meta beda jixhed l-ispettur li l-Maġistrat ra li l-imputazzjoni kien imissha tkun diversa. Dan kollu apparti r-riflessjoni illi, ankorkè kellu jiġi ritenut li l-Qorti t'Isfel kien imissha, u setgħet, ikkonvertiet ruħha f'Qorti Istruttorja, jibqa' dejjem li fil-fatt ma għamletx hekk, u ma jiftihemx kif il-fatt li ma għamletx hekk jista' issa jgħin il-Prosekuzzjoni f'dan l-appell. Infatti, biex dan l-appell jirnexxi, jeħtieġ illi l-Prosekuzzjoni turi illi l-prinċipju li, meta tiġi ritirata ċitazzjoni, allura ma hux aktar possibbli li tinġieb imputazzjoni f'forma diversa fuq l-istess fatt għax tkun perenta, ma hux sewwa; u fil-fehma ta' l-Imħallef sedenti ebda argument ma nġieb biex juri li dak il-prinċipju, stabbilit mill-Imħallef Dr. Luigi Camilleri fis-sentenzi ċitati, għandu jiġi varjat. U l-Imħallef sedenti ma jarax raġunijiet biex ivarjaħ;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi tiċħad l-appell tal-Prosekuzzjoni u tikkonferma s-sentenza appellata. L-imputati huma għalhekk liberati.

---